**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1360/2016/1 AF**

**Roderick Borg**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited (C-27581)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Roderick Borg.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Malta Freeport Terminals Limited.

Rat id-dokument anness.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri Roderick Borg talab li Malta Freeport Terminals Limited tigi mizmuma milli tiehu proceduri ta' dixxiplina kontrih. Huwa jsejjes it-talba tieghu fuq tlett ragunijiet u cioè li ma gewx osservati r-regoli tal-*collective agreement*, li ma jistax jiddifendi ruhu u fl-istess

hin jibbenefika mid-dritt li ma jinkriminax ruhu, u li ser isofri pregudizzju rrimedjabbli.

Jirrizulta illi r-rikorrent huwa mpjegat mas-socjetà intimata. Huwa qed jiffaccja akkuzi kriminali serji dwar evazjoni ta' dazju. Dawn l-akkuzi jidhru li huma direttament relatati mal-impieg tieghu. Is-socjetà intimata inizjat fir-rigward tieghu proceduri dixxiplinari, liema proceduri Roderick Borg qieghed jittenta jwaqqaf permezz tal-proceduri odjerni.

Dwar l-ewwel raguni li jgib Roderick Borg, din il-Qorti tqis li huwa m'ghandux ragun. Minn imkien ma rrizulta illi l-proceduri u r-regoli tal-ftehim kollettiv mhumiex qeghdin jigu segwiti.

Dwar it-tieni raguni li jgib ir-rikorrenti u cioè li ma jistax jiddifendi ruhu minghajr ma jibbenefika mid-dritt tas-silenzju, din il-Qorti tinnota li l-istess regolamenti parti mill-ftehim kollettiv, jipprovdu illi huwa jista' jkun assistit u jista' jressaq xhieda quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Finalment, huwa ghandu dritt ta' appell quddiem Bord tal-Appell. Jibqghu dejjem mhux mittiefsa l-jeddijiet tieghu li jressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali. Ghalhekk il-Qorti tqis li r-regolamenti vigenti jassigurawlu d-dritt li jiddefendi ruhu kompletament, altru milli pregudizzju rrimedjabbli.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li talba simili digà saret mir-rikorrenti u giet michuda mill-Qorti diversament presjeduta. Ma jirrizultax lill-Qorti li nbidlu xi cirkostanzi li jistghu jwasslu lil din il-Qorti tiddeciedi mod iehor.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-22 ta' Settembru 2016 u tichad it-talba definittivament.

L-ispejjez jithallsu minn Roderick Borg.

IMHALLEF